# L-EWWEL SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦALL-EWWEL SENA

| 1.1 IL-MESSAĠĠ T'ALLA: HU JĦOBBNA. | 1.2 ĠESÙ KRISTU HU R-RIGAL T'ALLA. | 1.3 ĠESÙ JAGĦTINA L-ISPIRTU TIEGĦU FIL-KNISJA. | 1.4 NIBNU L-KARATTRU TAGĦNA TA' NSARA. |
|---|---|---|---|
| 1.1.1 Niskopru l-imħabba t'Alla fina. | 1.2.1 Il-Milied: ir-rigal tal-Missier. | 1.3.1 Ġesù baqa' magħna permezz ta' l-Ispirtu tiegħu. | 1.4.1 Niskopru fejn ngħixu u nikbru ma' Ġesù. |
| 1.1.2 Id-dinja hija s-sinjal ta' l-imħabba t'Alla lejna. | 1.2.2 Ġesù jurina kemm iħobbna l-Missier. | | |
| 1.1.3 Alla Missierna li jieħu ħsiebna. | | | |
| 1.1.4 Nies li jħobbuna: huma rigali t'Alla. | | | |
| 1.1.5 Alla dejjem magħna. | | | |

# PROGAMM

# TA' L-EWWEL SENA

## 1.1 DAN HU L-MESSAĠĠ T'ALLA: HU IĦOBBNA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.1.1 Niskopru l-imħabba t'Alla fina. | Inħarsu lejn il-mera u nindunaw kemm aħna sbieħ. Ta' dan ngħidu grazzi lil Alla u infaħħruh. |
| 1.1.2 Id-dinja hija s-sinjal ta' l-imħabba t'Alla lejna. | Niskopru n-natura, l-annimali, l-għasafar: Alla ħalaq kollox u tahomlna bħala rigal. |
| 1.1.3 Alla Missierna li jieħu ħsiebna. | Tant nies iħobbuna u jieħdu ħsiebna. Alla hu Missierna tas-sema li jħobbna. Nitgħallmu nitkellmu miegħu. |
| 1.1.4 Nies li jħobbuna: huma rigali t'Alla. | Niskopru n-nies li jħobbuna bħala r-rigal t'Alla. |
| 1.1.5 Alla dejjem magħna. | Minn filgħodu sa fil-għaxija, x'ħin inqumu, nieklu, norqdu Alla dejjem magħna. |

## 1.2 ĠESÙ KRISTU HU R-RIGAL T'ALLA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.2.1 Il-Milied: ir-rigal tal-Missier. | Nippreparaw bil-presepju, kartolini, rigali. Naqilgħu ħafna affarijiet, imma x'rigali se nagħtu? X'rigali taw il-Maġi lil Ġesù? |
| 1.2.2 Ġesù jurina kemm iħobbna l-Missier. | Ġesù jħobb lil kulħadd u jgħin lil kulħadd. Ried imut għalina fuq is-salib, iżda qam mill-mewt biex jibqa' magħna. |

## 1.3 ĠESÙ JAGĦTINA L-ISPIRTU TIEGĦU FIL-KNISJA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.3.1 Ġesù baqa' magħna permezz ta' l-Ispirtu tiegħu. | Hu jgħinna llum u jgħidilna x'nistgħu nagħmlu biex ngħinu lil dawk li jħobbuna u nitgħallmu nħobbu lil Alla l-Missier. |

## 1.4 NIBNU L-KARATTRU TAGĦNA TA' NSARA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.4.1 Niskopru fejn ngħixu u nikbru ma' Ġesù. | Aħna nikbru bħal ma kiber Ġesù:<br>nilagħbu, immorru l-iskola, il-Knisja, għandna Missier u Omm.<br>Ġesù kien bħalna. |